# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 689/01**

**Numru 28**

**Avukat Dottor Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Everest Metal Industries**

**vs**

**Carmelo Gauci Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef disa' mija u wiehed u ghoxrin Dollaru Amerikan u sittax-il centezmu, ammontanti ghal elfejn mitejn u sitta u tmenin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm2286.57) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat mal-avviz u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni. Annessi mal-avviz huma d-dokumenti rilevanti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli, lanqas fit-21 ta' Novembru 2001 u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Novembru 2001 u tal-21 ta' Novembru 2001 (a fol 10 u 11 tal-istess atti).

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallas lill-istess attur nomine s-somma ta' Lm2286.57,0 bl-imghax legali mit-23 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-23 ta' Lulju 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur